KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 38

**Il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 38.1 Qari tal-Apoloġiji

38.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Mifsud. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 37

38.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

38.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 37 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 38.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

38.3.1 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lill-Ministru tat-Turiżmu u dan kien bagħat jinforma li t-talba tal-Kunsill kienet qed tiġi diskussa internament.

38.3.2 Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq San Alessi kellu jingħata bidu fil-ġimgħat li ġejjin. Fost oħrajn, min-naħa tal-Kunsill kienet saret talba li jsiru barriers tal-injam fuq ġewwa nett tas-*soft area*, jitwaħħlu xi *picnic tables* tal-injam kif ukoll *bins*, issir ir-rikostruzzjoni tat-triq minn Triq San David sal-isqaq li jagħti lejn l-irziezet, u jitwaħħal dawl ġdid. Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li IM jintalbu jwaħħlu xi *cameras* ġodda fuq is-*soft area* biex ma tkunx vandalizzata.

38.3.3 Is-Sindku informa li kienet għalqet l-offerta tal-Pjazza u għaldaqstant issa l-Kunsill kien imissu jistenna l-eżitu tal-evalwazzjoni.

38.3.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-kwistjoni ta' Triq in-Narċis u problemi oħra madwar il-*barracks*, is-SE infurmat li kienet reġgħet bagħtet *reminder* oħra lill-Periti ta' IM.

38.3.5 Is-Sindku informa li kien kellem lil IM dwar il-biċċa konkos imkissra quddiem il-garaxxijiet wara Binja Qlejgħa.

38.3.6 Inġibdet l-attenzjoni dwar ħajt li ttella' minn IM fi Triq il-Ġdida fi Triq l-Imtarfa. Is-Sindku bagħat kommunikazzjoni lill-Kap Eżekuttiv dwar din l-irregolarità.

38.3.7 Hawnhekk daħal onlajn il-Kunsillier Dr Attard.

38.3.8 Għall-mistoqsija tiegħu dwar l-MoU mad-Depiro, huwa staqsa jekk il-Kunsill kienx għadu fil-ħin li jagħmel emenda hekk kif issuġġerixxa permezz tal-*email*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jemenda l-ftehim skont dan is-suġġeriment.

38.3.9 Is-SE infurmat li ma kienx hemm applikazzjonijiet interni għall-vakanza ta' APO u għaldaqstant kienet talbet il-lista tal-kandidati lill-JobsPlus. Sadanittant kienet kitbet ukoll lill-RSSL sabiex possibbilment iżommu lill-Kunsill f'moħħhom jekk ikun hemm possibbiltà ta' jiċċaqalqu.

## 38.4 Bdil ta' firem

38.4.1 Is-SE infurmat li minħabba li kien hemm bdil fis-sindakat, kien hemm il-ħtieġa li jkun hemm bdil ta' firem mal-bank sabiex il-Kunsill ikun jista' jmexxi bil-ħlasijiet. Il-Kunsill approva li jkun hemm il-bidla minn Dott Daniel Attard għal Kyle Mifsud għall-fini ta' firem hekk kif titlob il-liġi.

38.4.2 Sadanittant infurmat ukoll li ġiet mgħarrfa mill-bank li wieħed mill-kontijiet li ma kienx jintuża kien se jibda jiġi penalizzat u għaldaqstant issuġġeriet li jiġu trasferiti l-flus minn dan il-kont għall-kont l-ieħor u dan jingħalaq. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qabel li dan il-kont ma jingħalaqx u l-amministrazzjoni għandha tieħu ħsieb li twaddab xi fondi fih kemm ma jkunx hemm penali.

## 38.5 Aġġudikazzjoni – Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart (MTFLC/T/01/2022)

38.5.1 Is-SE preżentat kopja tar-Rapport tal-Evalwazzjoni hekk kif rakkomandat mill-Bord tal-Evalwazzjoni għall-kuntratt ta' ġbir ta' skart. Il-Kunsill approva r-rapport u l-kuntrattur magħżul bħala ċ-*cheapest compliant*.

38.5.2 Sadanittant, is-Sindku informa li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lill-Wasteserv sabiex jiġi vverifikat jekk il-Kunsill jistax inaqqas ġabra tal-borża s-sewda imma t-tweġiba kienet li minħabba li kien inħareġ avviż legali bil-ġranet ta' kull lokalità dan ma kienx possibbli għalissa. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill seta' jipproponi ġabra fuq darbtejn biss qabel ma terġa' tinbidel il-legal notice. Huma kienu ġibdu l-attenzjoni li l-importanti l-ġabra tal-borża s-sewda ma taħbatx mal-ġabra tal-borża l-griża.

38.5.3 Kien hemm qbil li għalissa għandu jibqa' kollox l-istess. 'Il quddiem il-Kunsill għandu jiddiskuti jekk għandux inaqqas ġabra tal-borża s-sewda u jagħmel konsultazzjoni mar-residenti dwar jekk jaqblux li l-ġranet tal-ġabra jkunux l-Erbgħa u s-Sibt.

38.5.4 Hawnhekk is-Sindku informa li kien attenda għal-laqgħa tal-AKL dwar il-ġbir tal-iskart mir-Reġjuni fejn kien hemm preżenti diversi Sindki minn Kunsilli differenti. Huwa informa li għalkemm il-ħsieb finali kien li s-servizz in ġenerali jitjieb fuq kull livell, fil-maġġorparti tagħhom dawn urew li ma kienux qed jaqblu mal-proposti li qed isiru.

38.5.5 Kien hemm qbil li hekk kif ikun definit li ma hemmx appelli u jkun se jiġi ffirmat il-kuntratt, il-Kunsill għandu jiltaqa' mal-kuntrattur biex jiġu ċċarati l-punti kollha tal-kuntratt sabiex ma jkunx hemm diżgwidi 'l quddiem.

## 38.6 Każ Nru. 23/2022 – Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2022

38.6.1 Is-SE preżentat kopja ta' ċirkulari li ntbagħtet mid-DLG fir-rigward tal-fondi tal-aġġustamenti. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba għal dawn l-aġġustamenti u r-raġuni li tingħata għandha tkun sabiex jiġu koperti parti mill-ispejjeż relatati ma' servizz ġdid ta' vann għall-komunità. Il-Kunsill kollu qabel ma' din il-proposta.

## 38.7 SPI.SCI.2.2022 – *Community Inclusive Employment Scheme* 2022

38.7.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet kopja ta' *email* mibgħuta mid-DLG fir-rigward ta' possibbiltà ta' ingaġġ ta' ħaddiema fuq l-iskema CIES.

38.7.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill huwa obbligat li jħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali bħala l-*employer* kif ukoll xi sigħat ta' sahra li jistgħu jinħadmu. Hija infurmat ukoll li fl-eventwalità li din l-iskema ma tibqax fis-seħħ, wara 4 snin, il-Kunsill huwa tenut bir-responsabbiltà li jonora l-kuntratt tal-impjieg inkluż il-paga sħiħa u l-*bonuses*.

38.7.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jdaħħal applikazzjoni għal skrivan/a *full time*.

## 38.8 MFER/51/2021: *Expression of Interest – Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits*

38.8.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kommunikazzjoni dwar is-suġġett imsemmi fejn is-Sindku wera interess li tiddaħħal applikazzjoni.

38.8.2 Hawnhekk is-SE innutat li d-*deadline* kienet skadiet ġimgħa biss wara li ntbagħtet iċ-ċirkulari u għaldaqstant it-talba ma setgħetx tintbagħat.

38.8.3 Sadanittant is-SE infurmat li kienet innutat skema għal tisbiħ fejn il-Kunsill seta' jdaħħal applikazzjoni għal tisbiħ tal-pjazzetta żgħira li tinsab fi Triq il-Gladjoli, għal massimu ta' €12,000. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

## 38.9 Preżenza tas-Sindku waqt il-laqgħat tar-Reġjun

38.9.1 Is-Sindku informa li hemm direzzjoni biex is-Sindku jkun ir-rappreżentat tal-Kunsill waqt il-laqgħat tar-Reġjun. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-Sindku jkun ir-rappreżentant minflok il-Kunsillier Christianne Mifsud. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Mifsud iżda għandha tkun sostitut tas-Sindku fuq dawn il-laqgħat kemm-il darba jtiha avviż minn qabel li ma setgħax jattendi.

## 38.10 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

38.10.1 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud kienet infurmatha biex tiskużaha mil-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ebda rapporti xi jsiru.

## 38.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

38.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 02/2022), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 38.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

38.12.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:10pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Marzu fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 15 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |

Laqgha tal-lokalita 2022

DA – ferah lil Kyle ghall-gurament bhala sindku. DA irringrazzja lill-kunsilliera, lill-amministrazzjoni, lir-residenti wkoll. Meta tpoggi kollox fuq il-bilanc, tul dawn l-ahhar ghaxar snin tajna hafna lura mill-fiducja tan-nies. Huwa informa li se jkompli jikkontribwixxi u jappoggja lil kyle u lill-kunsill shih.

KM – irringrazzja lil DA u qal li l-hsieb huwa li nimxu fuq l-istess passi ghall-gwadann tac-cittadini tal-Imtarfa. Privilegg b'responsabbilta' kbira u looking forward ghal dawn is-sentejn li gejjin. Bord and bred in Mtarfa. Jispera li dak li ha jaghtih lura f'hidma lill-lokalita'.

Spjega dwar Estimi Finanzjarji –

Kevin Meli – Triq Sir Philip Pullicino – razzett ta' warajna – Se nsibu l-applikazzjoni u se naraw biex indahhlu objection. Razzett tal-baqar – PA 03148/12 – kevcor@hotmail.com

DA qal li saru interventi ghal dawl gdid, outdoor gym, outdoor library, bicycle racks, kollox bl-intenzjoni li ntejbu l-kwalita' tar-residenti ta' din iz-zona. Qed isiru l-parkeggi.

Deborah Zarb – L-istess dwar il-cow shed ta' skonju – se nkellmu lill-Perit. Talba biex jehlu xi CCTV's – mimli hmieg tal-klieb. 4 – 6pm ikun hemm min imexxi l-klieb.

Joanne Borg – Triq in-Narcis – Sigra fi Triq il-Pepprin – zokk hdejn il-funtana u cint imwaqqa'.

Frances Falzon – Triq il-Gizi – Trimming tas-sigar tal-palm – knis problema. Dumping – dawl temporanju imma baqa' l-istess – bhala kunsill diga' ghamilna stima u qed nippruvaw ingibu fondi biex isiru. Se nippruvaw intejbu anke z-zona over all. Is-CPO informa li inspections dwar dog fouling isiru darbtejn fil-gimgha.

Mental Health Clinic – mhemmx fejn ipoggu.

Marvic Zammit – Sir Philip Pullicino – Isolation Hospital – fil-passat kient harget EOI ghal progett tad-dimensja pero' waqaf kollox. Ma kienx hemm xejn konkret ghax kienu biss proposti u mhux applikazzjoni. Jekk ikun hemm, naghmlu laqgha mar-residenti u niehdu s-side tar-residenti. Tali konsultazzjoni ma setghetx issir ghx ma kien hemm xejn konkret.

Rain Culvert – biex jintnaddfu aktar spiss.

Sleeping policemen – KM irringrazzja lill-pulizija ghaliex is-sewqan eccessiv naqas hafna.

In-numru ta – 79469051  Surgent – 79469052 – 79469053